

Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija.

Sommarju

It-Tieni Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti — ESENER-2

It-tieni stħarriġ ta' EU-OSHA dwar stabbilimenti mal-Ewropa kollha għandu l-għan li jgħin lil postijiet tax-xogħol jitrattaw b'mod aktar effikaċi s-saħħa u s-sigurtà u jipromwovu s-saħħa u l-benesseri tal-impjegati. Jipprovdi informazzjoni komparabbli bejn pajjiż u ieħor rilevanti għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' linji ġodda ta' politika f'dan il-qasam.

Kontenut

Sfond.....	1
Sejbiet ewlenin.....	2
Il-ġestjoni tal-OHS.....	3
Riskji psikosoċjali u l-kontroll tagħhom	10
Motivaturi u ostakli.....	12
Il-parteċipazzjoni tal-impjegati	14
Il-metodoloġija tal-istħarriġ	16
Iktar tagħrif	16

Sfond

It-Tieni Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER-2) tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) jistaqsi lil dawk 'li jafu l-aktar' dwar is-sigurtà u s-saħħa fl-istabbilimenti dwar il-mod kif jiġu kkontrollati r-riskji għas-sigurtà u s-saħħa fil-postijiet tax-xogħol tagħhom, b'fokus partikolari fuq riskji psikosoċjali, jiġifieri stress, vjolenza u fastidju relatati max-xogħol. Fis-sajf/ħarifa tal-2014, total ta' 49,320 tal-istabbilimenti — fis-setturi kollha tal-attività¹ u li jimpjegaw tal-anqas ħames persuni — kienu intervistati fis-36 pajjiż kopert: l-EU-28, kif ukoll l-Albanija, l-Iżlanda,

il-Montenegro, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, it-Turkija, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

Id-Direttiva Qafas tal-UE dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol (id-Direttiva 89/391/KEE) u d-direttivi tagħha, kull waħda għaliha, jipprovdu l-qafas għall-ħaddiema fl-Ewropa biex igawdu minn livelli oġġettivi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija differenti f'pajjiż minn ieħor u l-applikazzjoni Prattika tagħhom tvarja skont is-settur, il-kategorija ta' ħaddiema u d-daqs tal-intrapriża. Dan kien konfermat minn ESENER-1 li pprova paragun tal-prattiki bejn il-pajjiżi u kkontribwixxa għal fehim aħjar ta' kif il-karatteristiċi u l-ambjent usa' tal-istabbilimenti jinfluwenzaw il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

Bl-intenzjoni li jibni fuq dan u żviluppat bl-appoġġ tal-gvernijiet u msieħba soċjali fil-livell Ewropew, ESENER-2 għandu l-għan li jgħin lill-postijiet tax-xogħol mal-Ewropa kollha biex jifhmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom għall-appoġġ u l-kompetenzi kif ukoll jidentifikaw il-fatturi li jinkoraġġixxu jew jostakolaw l-azzjoni. ESENER jesplora fid-dettall l-erba' oqsma tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali (OHS):

1. L-approċċ ġenerali fl-istabbiliment tal-ġestjoni tal-OHS.
2. Kif jiġi indirizzat il-qasam 'emerġenti' tar-riskji psikosoċjali.
3. Il-motivaturi u l-ostakli prinċipali għall-ġestjoni tal-OHS.
4. Kif tiġi implimentata fil-prattika l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-ġestjoni tal-OHS.

Dan ir-rapport ta' sinthezi jippreżenta ħarsa ġenerali tas-sejbiet prinċipali tal-ESENER-2 għal kull wieħed minn dawn l-erba' oqsma. Riżultati u analiżi aktar dettaljati se jiġu ppreżentati fir-rapport ġenerali, li għandu jiġi ppubblikat aktar tard fl-2015.

¹ Ħlief għal djar privati (NACE T) u f'organizzazzjonijiet extraterritorjali (NACE U)

Sejbiet ewlenin

Il-postijiet tax-xogħol Ewropej qegħdin kontinwament jevolvu taħt l-influenza ta' tibdiliet fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali. Xi wħud minn dawn it-tibdiliet huma evidenti fl-ESENER-2 b'21 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 li jindikaw li l-impjegati li għandhom 'il fuq minn 55 sena jammontaw għal aktar minn kwart tal-popolazzjoni attiva tagħhom, bl-ogħla porzjonijiet jikkorrispondu għall-Iżvezja (36 %), il-Latvja (32 %) u l-Estonja (30 %). Fl-istess ħin, 13 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jirrapportaw li għandhom impjegati li jaħdmu mid-dar fuq bażi regolari. In-Netherlands (26 %) u d-Danimarka (24 %) juru l-ogħla porzjonijiet. Ta' min jinnota wkoll li 6 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jirrapportaw li għandhom impjegati li għandhom diffikultà jifhmu l-lingwa mitkellma fil-bini. Din iċ-ċifra hija l-ogħla fil-Lussemburgu u f'Malta (16 %) u l-Iżvezja (15 %). Dawn is-sitwazzjonijiet ta' xogħol joħlqu sfidi ġodda li jeħtieġu azzjoni sabiex ikunu żgurati livelli għolja ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

- Is-sejbiet tal-ESENER-2 jirriflettu t-tkabbir kontinwu tas-settur tas-servizzi. Il-fatturi tar-riskju l-aktar identifikati qed ikollhom jitrattaw ma' klijenti, studenti, pazjenti diffiċli (58 % tal-istabbilimenti tal-EU-28), segwiti minn pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ (56 %) u movimenti repetittivi tal-id jew id-driegħ (52 %).
- Il-fatturi tar-riskju psikosoċjali huma perċepiti bħala aktar ta' sfida minn oħrajn; kważi wieħed minn kull ħamsa tal-istabbilimenti li jirrapportaw li qed jitrattaw ma' konsumaturi diffiċli jew qed jesperjenzaw pressjoni ta' ħin jindika wkoll li huma neqsin minn informazzjoni jew għodod adegwati sabiex jitrattaw dan ir-riskju b'mod effettiv.
- ESENER-2 jindika li 76 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolarment. Kif mistenni, hemm korrelazzjoni pożittiva mad-daqs tal-istabbiliment mentri, pajjiż, pajjiż, il-valuri jvarjaw minn 94 % tal-istabbilimenti fl-Italja u s-Slovenja u għal 37 % fil-Lussemburgu.
- Il-maġġoranza tal-istabbilimenti mistħarrġa fl-EU-28 li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolarment iqisuhom bħala mod utli biex jikkontrollaw is-saħħa u s-sigurtà (90 %), sejbja konsistenti mas-setturi kollha tal-attività u d-daqsijiet tal-istabbiliment.
- Hemm differenzi sinifikanti fir-rigward tal-porzjon tal-istabbilimenti fejn il-valutazzjonijiet tar-riskju jiġu prinċipalment imwettqa mill-persunal intern. Il-klassifikar tal-pajjiż jinbidel b'mod sinifikattiv, fejn fuq quddiem hemm id-Danimarka (76 % tal-istabbilimenti), ir-Renju Unit (68 %) u l-Iżvezja (66 %), il-porzjonijiet l-aktar baxxi jinstabu fis-Slovenja (7 %), fil-Kroazja (9 %) u fi Spanja (11 %).
- Meta jiġu meqjusa dawk l-istabbilimenti li ma jwettqux valutazzjonijiet tar-riskju regolari, ir-raġunijiet ewlenin mogħtija l-għaliex ma jsirux huma li r-riskju u l-perikli huma diġà magħrufa (83 % tal-istabbilimenti) u li ma hemmx problemi kbar (80 %).
- Il-maġġoranza tal-istabbilimenti fl-EU-28 (90 %) jirrapportaw li għandhom dokument li jispjega r-responsabbiltajiet u l-proċeduri dwar is-saħħa u s-sigurtà, b'mod partikolari fost l-istabbilimenti l-kbar. Ma hemmx differenzi sinifikanti fir-rigward tas-setturi tal-attività, mentri pajjiż, pajjiż, l-ogħla porzjon jikkorrispondu għar-Renju Unit, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Polonja u l-Italja (98 % f'kull wieħed minnhom) b'kuntrast għall-Montenegro (50 %), l-Albanija (57 %) u l-Iżlanda (58 %).
- Il-kwistjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà jiġu diskussi regolarment fl-ogħla livell ta' amministrazzjoni f'61 % tal-istabbilimenti fl-EU-28, bil-porzjon jiżdied skont id-daqs tal-istabbiliment. Pajjiż, pajjiż, dan jiġi rrapportat l-aktar ta' spiss fir-Repubblika Ċeka (81 %), ir-Renju Unit (79 %) u r-Rumanija (75 %) waqt li l-perċentwali l-baxxi jikkorrispondu għall-Montenegro (25 %), l-Estonja (32 %), l-Iżlanda u s-Slovenja (35 %).
- Kważi tliet kwarti tal-istabbilimenti mistħarrġa fl-EU-28 (73 %) jirrapportaw li jipprovdu lill-mexxejja tat-tim tagħhom u l-manigġers intermedjarji b'taħriġ dwar kif tiġi ġestita l-OHS fit-timijiet tagħhom, il-porzjonijiet li jikbru mad-daqs tan-negozju u li jiġu rrapportati l-aktar frekwenti minn stabbilimenti fil-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku (82 %) u fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (81 %). Pajjiż, pajjiż, it-taħriġ huma pprovdut l-aktar ta' spiss fir-Repubblika Ċeka (94 %), l-Italja (90 %), is-Slovenja u s-Slovakkja (84 %), b'kuntrast għall-Iżlanda (38 %), il-Lussemburgu (43 %) u Franza (46 %).
- Jekk wieħed iħares lejn ir-raġunijiet li jimmotivaw lill-intrapriżi biex jamministraw l-OHS, li jiġu mħarsa l-obbligi legali ġiet irrapportata bħala raġuni kbira minn 85 % tal-istabbilimenti fl-EU-28. Hemm korrelazzjoni pożittiva mad-daqs tal-istabbiliment, mentri pajjiż, b'pajjiż il-porzjon ivarja minn 68 % tal-istabbilimenti fid-Danimarka sa 94 % fil-Portugall. F'xi pajjiżi, b'mod partikolari dawk li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-2004 u xi pajjiżi kandidati, il-motivatur irrapportat bl-aktar mod frekwenti bħala l-akbar raġuni li tindirizza s-saħħa u s-sigurtà hija ż-żamma tar-reputazzjoni tal-organizzazzjoni.
- It-tieni l-aktar motivatur importanti għall-azzjoni dwar l-OHS hija li jintlaħqu l-aspettattivi mill-impjegati jew ir-rappreżentanti tagħhom. ESENER-2 juri li aktar minn erbgħa minn ħames stabbilimenti fl-EU-28 (81 %) li jwettqu regolarment valutazzjonijiet tar-riskju jirrapportaw li jinvolvu

lill-impjegati tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri li jsegwu valutazzjoni tar-riskju.

- ESENER-2 juri li n-nuqqas ta' volontà biex wieħed jtkellem fil-miftuħ dwar dawn il-kwistjonijiet tidher li hija d-diffikultà prinċipali biex jiġu indirizzati riskji psikosoċjali (30 % tal-istabbilimenti fl-EU-28). Dan, b'ħa-diffikultajiet l-oħra kollha, jiġi rrapportat aktar frekwenti aktar ma jikber id-daqs tal-istabbiliment.
- Ftit aktar min-nofs tal-istabbilimenti tal-EU-28 (53 %) mistharra għal jirrapportaw li għandhom biżżejjed informazzjoni dwar kif jinkludu riskji psikosoċjali fil-valutazzjonijiet tar-riskju. Kif mistenni, dan il-porzjon iwarja aktar skont id-daqs tal-istabbiliment milli skont is-settur u, b'mod partikolari pajjiż b'pajjiż, l-oġġa ċifri ġejjin mis-Slovenja (75 %) u l-Italja (74 %) għall-kuntrarju ta' Malta (35 %) u s-Slovakkja (40 %).
- L-użu tas-servizzi tas-saħħa u s-sigurtà juri li l-aktar li jintużaw b'mod frekwenti huma t-tobba tas-saħħa okkupazzjonali (68 %), il-ġeneralisti dwar is-saħħa u s-sigurtà (63 %) u l-esperti għall-prevenzjoni tal-aċċidenti (52 %). Fir-rigward tar-riskji psikosoċjali, l-użu ta' psikologu ġie rrapportat biss minn 16 % tal-istabbilimenti fl-EU-28.
- Fir-rigward tal-forom ta' rappreżentanza ta' impjegati, l-aktar ċifra rrapportata ta' sikwit kienet ir-rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà: 58 % tal-istabbilimenti fl-EU-28, l-oġġa porzjonijiet kienu fost stabbilimenti fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa u xogħol soċjali (67 %), manifattura (64 %) u amministrazzjoni pubblika (59 %). Kif mistenni, dawn is-sejbiet huma xprunati l-aktar mid-daqs tal-istabbiliment.

- Fir-rigward ta' dawk l-istabbiliment li rrapportaw li użaw miżuri biex jipprevjenu riskji psikosoċjali fit-tliet snin ta' qabel l-istħarriġ, 63 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jindikaw li l-impjegati kellhom rwol fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Dawn is-sejbiet iwarjaw skont il-pajjiż, minn 77 % tal-istabbilimenti fid-Danimarka u l-Awstrija għal 43 % fis-Slovakkja. Minħabba n-natura tar-riskji psikosoċjali, ikun mistenni li miżuri f'dan il-qasam iwasslu għall-involvement tal-ħaddiem u, b'mod speċjali għal grad għoli ta' kollaborazzjoni mill-atturi kollha fuq il-post tax-xogħol.


Il-ġestjoni tal-OHS

Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OHS) huwa qasam transdixxiplinarju fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigurtà, is-saħħa u l-benesseri ta' nies ingaġġati fuq xogħol. Proċessi ta' xogħol u bidliet dejjem aktar kumplessi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, flimkien mat-tipi ta' perikli ġodda jew li qed jinbidlu li qed jirriżultaw, jimplikaw approċċ ġdid u sistematiku għas-saħħa u s-sigurtà waqt ix-xogħol. Jeħtieġ li jkun hemm soluzzjonijiet li jippermettu lil dawk li jħaddmu li jqisu l-prinċipji tas-saħħa u tas-sigurtà fil-livelli operattivi kollha u għal kull tip ta' attività, u li jibdluom f'miżuri xierqa fuq bażi ta' rutina.

Riskji għas-saħħa u s-sigurtà

- F'dan il-kuntest ta' bidla soċjetali, is-sejbiet tal-ESENER-2 jirriflettu t-tkabbir kontinwu tas-settur tas-servizzi. Il-fatturi tar-riskju l-aktar identifikati (Figura 1) li qed jittrattaw ma' klijenti, studenti, pazjenti diffiċli (58 % tal-istabbilimenti tal-EU-28), segwiti minn pozzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ (56 %) u movimenti repetittivi tal-id jew id-driegħ (52 %).

Figura 1. Fatturi tar-riskju preżenti fl-istabbiliment (% ta' stabbilimenti, EU-28).



Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28.

Nota: fatturi ta' riskju psikosoċjali bl-oranġjo

Tabella 1. Tnejn mill-aktar fatturi ta' riskju rrapportati ta' sikwit fl-istabbiliment, skont is-settur ta' attività (% ta' stabbilimenti, EU-28).

Settur ta' attività	Il-fatturi ta' riskju rrapportati l-aktar ta' sikwit (% tal-istabbilimenti fis-settur fl-EU-28)	
	L-ewwel	It-tieni
A: Agrikoltura, forestrija u sajd.	Riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn (78 %)	Riskju ta' aċċidenti b'vetturi waqt ix-xogħol (73 %)
B, D, E, F: Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku.	Riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn (82 %)	Irfiġh jew ċaqliq ta' persuni jew piżijiet tqal (71 %)
C: Manifattura.	Riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn (77 %)	Movimenti repetittivi tad-driegħ jew l-id (58 %)
G, H, I, R: Kummerċ, trasport, ikel/ akkomodazzjoni u attivitajiet ta' rikreazzjoni.	Li jittrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (62 %)	Movimenti repetittivi tad-driegħ jew l-id (49 %)
J, K, L, M, N, S: IT, Finanzi, Proprjetà immobbli u attivitajiet oħra tekniċi xjentifiċi jew ta' servizz personali.	Pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ, inkluż bilqiegħda għal perjodi twal (64 %)	Li jittrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (56 %)
O: Amministrazzjoni pubblika	Pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ, inkluż bilqiegħda għal perjodi twal (76 %)	Li jittrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (68 %)
P, Q: Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali.	Li jittrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (75 %)	Pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ, inkluż bilqiegħda għal perjodi twal (61 %)

Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28.

- Kif mistenni, is-sejbiet skont is-settur tal-attività jipprovdu xi differenzi interessanti. Tabella 1 turi l-aktar żewġ fatturi tar-riskju rrapportati ta' sikwit mill-istabbilimenti fis-settur — id-diskriminazzjoni huwa l-anqas fattur tar-riskju rrapportat fis-setturi kollha.
- Ir-riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn huwa l-fattur tar-riskju rrapportat ta' sikwit fil-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku (82 % tal-istabbilimenti fis-settur fl-EU-28), fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (78 %) u l-manifattura (77 %).
- Il-ħtieġa li tiffaċċja konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli huwa l-aktar fattur tar-riskju komuni fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali (75 %) u fil-kummerċ, it-trasport, l-ikel/l-akkomodazzjoni u f'attivitajiet ta' rikreazzjoni (62 %). Fil-każ tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali l-oħra, huma rrapportati l-aktar ta' sikwit fost stabbilimenti fl-amministrazzjoni pubblika u s-setturi tas-servizz.
- Pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ, inkluż bilqiegħda għal perjodi twal huma l-aktar fatturi ta' riskju prominenti fl-amministrazzjoni pubblika (76 %) u l-IT, il-finanzi, il-proprjetà immobbli u attivitajiet tekniċi xjentifiċi jew ta' servizz personali (64 %). Interessanti, u kif inhu fil-każ għal movimenti repetittivi tad-driegħ jew l-id, dawn huma rrapportati ta' sikwit fost

stabbilimenti fis-setturi kollha, u jikkonfermaw li l-fatturi ta' riskju fiżiċi għal disturbi muskuloskeletalni (MSDs) huma komuni fl-attivitajiet kollha.

- Ħarsa skont il-fattur ta' riskju lejn is-settur tal-attività li qiegħed fuq quddiem nett tal-klassifika f'termini tal-perċentwal fil-porzjon tal-istabbilimenti li jirrapportaw li huwa preżenti, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd jirrapportaw l-oġġla porzjonijiet għal ħamsa mill-fatturi ta' riskju kkunsidrati: sħana, kesħa jew kurrenti tal-arja (65 % tal-istabbilimenti fis-settur tal-EU-28), sustanzi kimiċi jew bijoloġiċi (63 %), movimenti repetittivi tad-driegħ jew l-id (63 %), sigħat ta' xogħol twal jew irregolari (35 %) u r-riskju msemmi qabel ta' aċċidenti b'vetturi waqt ix-xogħol (73 %). Dawn ir-riżultati jenfasizzaw il-kundizzjonijiet fiżikament eżiġenti tax-xogħol f'dan is-settur — ara Tabella 2.
- Il-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku qegħdin fuq quddiem nett tal-klassifika għar-riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn (82 %), irfiġh jew ċaqliq ta' persuni jew piżijiet tqal (71 %), żieda fir-riskju ta' żliq u waqgħat (63 %) u storbju qawwi (61 %). L-amministrazzjoni pubblika u l-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali jinsabu fuq quddiem fi-seba' fatturi ta' riskju li fadal.

Tabella 2. Fattur ta' riskju u settur tal-attività fejn huma rrapportati ta' sikwit (% tal-istabbilimenti, EU-28).

Fatturi ta' riskju (% tal-istabbilimenti f-EU-28 fis-setturi kollha)	Is-settur irrapportat l-iżjed ta' sikwit (% tal-istabbilimenti fl-EU-28 fis-settur)
Li jittrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (58 %)	P, Q: Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. (75 %)
Pożizzjonijiet ta' għeja jew uġiġħ, inkluż bilqiegħda għal perjodi twal (56 %)	O: Amministrazzjoni pubblika (76 %)
Movimenti repetittivi tal-id jew tad-driegħ (52 %)	A: Agrikoltura, forestrija u sajd. (63 %)
Riskju ta' aċċidenti b'makkinarju jew għodod tal-idejn (48 %)	B, D, E, F: Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku. (82 %)
Irfiġħ jew ċaqliq ta' persuni jew piżijiet tqal (47 %)	B, D, E, F: Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku. (71 %)
Riskju ta' aċċidenti b'vetturi waqt ix-xogħol (46 %)	A: Agrikoltura, forestrija u sajd. (73 %)
Pressjoni tal-ħin (43 %)	P, Q: Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. (50 %)
Sustanzi kimiċi jew bijoloġiċi (38 %)	A: Agrikoltura, forestrija u sajd. (63 %)
Żieda fir-riskju ta' żliq u waqgħat (36 %)	B, D, E, F: Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku. (63 %)
Sħana, kesħa jew kurrenti tal-arja (36 %)	A: Agrikoltura, forestrija u sajd. (65 %)
Ħoss qawwi (30 %)	B, D, E, F: Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku. (61 %)
Sigħat ta' xogħol twal jew irregolari (23 %)	A: Agrikoltura, forestrija u sajd. (35 %)
Komunikazzjoni jew kooperazzjoni fqira fl-organizzazzjoni (17 %)	O: Amministrazzjoni pubblika. (26 %)
Nuqqas ta' sigurtà tal-impjeg (15 %)	O: Amministrazzjoni pubblika. P, Q: Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. (19 %)
Nuqqas ta' influwenza tal-impjegati fuq il-pass tax-xogħol jew il-proċessi tax-xogħol tagħhom (13 %)	O: Amministrazzjoni pubblika (18 %).
Diskriminazzjoni, eżempju minħabba s-sess, l-età jew l-etniċità (2 %)	P, Q: Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. (4 %)

Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28.

Valutazzjoni tar-riskju


Kwistjoni importanti tal-OHS esplorata minn ESENER-2 hija jekk postijiet tax-xogħol ikunux eżaminati regolarment għas-saħħa u s-sigurtà bħala parti minn valutazzjoni tar-riskji, il-bażi tal-approċċ Ewropew għall-OHS, kif speċifikat fid-Direttiva Qafas tal-UE dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol (id-Direttiva 89/391/KEE).

- ESENER-2 jindika li 76 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jwettqu valutazzjoni tar-riskju regolarment² u maġġoranza minnhom jirrapportaw li ssir f'formula ddokumentata (92 %). Kif mistenni, it-tweġġ ta' valutazzjonijiet tar-riskju huma korrelati pożittivament mad-daqs tal-istabbiliment li jvarja minn 69 % fost il-mikrointrapriżi li jimpjegaw minn 5 sa 9 ħaddiema, sa 96 % fost dawk li jimpjegaw aktar minn 250.
- Pajjiż b'pajjiż, il-valuri jvarjaw minn 94 % tal-istabbilimenti fl-Italja u s-Slovenja għal 37 % fil-Lussemburgu. Setturi b'settur, l-oġġetti porzjonijiet jikkorrispondu għal dawk l-aktar perikolużi bħal manifattura (85 %), l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (84 %) u l-konstruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku (83 %).
- Interessanti, kif jidher fil-Figura 2, id-differenzi sinifikanti li hemm fir-rigward tal-porzjon tal-istabbilimenti fejn il-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu prinċipalment mill-persunal intern. Il-klassifikar tal-pajjiż jinbidel b'mod sinifikanti, fejn fuq quddiem hemm id-Danimarka (76 % tal-istabbilimenti), ir-Renju Unit (68 %) u l-Iżvezja (66 %). Il-porzjonijiet l-aktar baxxi jinstabu fis-Slovenja (7 %), fil-Kroazja (9 %) u fi Spanja (11 %).
- Jidher li hemm korrelazzjoni mad-daqs tal-istabbiliment, minħabba li l-perċentwal fil-porzjon tal-istabbilimenti fejn il-valutazzjonijiet tar-riskju huma prinċipalment imwettqa mill-persunal intern, jiżdied mad-daqs. Dan ma jikkonkludi xejn dwar il-kwalità ta' dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju — f'xi pajjiżi jista' jkun hemm obbligu legali li jiġu kkuntattjati s-servizzi tal-OHS għal dawn il-kompiti — iżda fil-prinċipju, u bis-suppożizzjoni li dawk li jikkontrollaw ix-xogħol huma fl-aħjar pożizzjoni biex jikkontrollaw ir-riskji, l-intrapriżi kollha għandhom ikunu jistgħu jwettqu valutazzjoni bażika tar-riskju bil-persunal tagħhom biss.

- L-aspetti koperti ta' sikwit ħafna mill-valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-post tax-xogħol huma s-sigurtà tal-makkinarji, it-tagħmir u l-installazzjonijiet (84 %) segwiti minn pożizzjonijiet ta' xogħol, domandi fiżiċi tax-xogħol u movimenti repetittivi (75 %).
- Huwa interessanti li wieħed jinnotta li fost dawk l-istabbilimenti li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju li jirrapportaw li għandhom impjegati li jaħdmu mid-dar, 29 % minnhom biss indikaw li dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju jkopru postijiet tax-xogħol fid-dar, bl-oġġetti porzjon jinsab fost l-istabbilimenti fl-amministrazzjoni pubblika (40 %). Għalkemm dawn is-sejbiet jirrappreżentaw biss 13 % tal-kampjun totali tal-istabbilimenti mistħarrġa, huwa xorta importanti li jittieħdu f'kunsiderazzjoni bħala indikazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni tal-OHS biex ikunu ffaċċjati xejriet ġodda ta' organizzazzjoni ta' xogħol.
- Bl-istess mod, u meta wieħed jiffoka fuq dawk l-istabbilimenti li għandhom, fost l-oħrajn, tipi oħra ta' ħaddiema li mhumix persuni direttament impjegati, bħal ħaddiema temporanji f'aġenziji, sottokuntratturi u ħaddiema għal rashom, 62 % biss tal-istabbilimenti fl-EU-28 li jwettqu valutazzjoni tar-riskju jirrapportaw li jkopru dawn it-tipi l-oħra ta' ħaddiema fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom.
- Il-maġġoranza tal-istabbilimenti mistħarrġa fl-EU-28 li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolarment iqisuhom bħala mod utli biex jikkontrollaw is-saħħa u s-sigurtà (90 %), sejba konsistenti mas-setturi kollha tal-attività u d-daqsijiet tal-istabbiliment.
- Ħarsa lejn dawk l-istabbilimenti li ma jwettqux valutazzjonijiet tar-riskju, ir-raġunijiet primarji li ngħataw huma li r-riskji u l-perikli huma diġà magħrufa (83 % tal-istabbilimenti) u li m'hemmx problemi kbar (80 %). Dawn ir-riżultati jirrappreżentaw 24 % tal-istabbilimenti mistħarrġa iżda xorta jwasslu għall-mistoqsija: Dawn l-istabbilimenti, partikolarment l-iktar żgħira, għandhom anqas problemi jew sempliċiment huma inqas konxji mir-riskji fuq il-postijiet tax-xogħol?

2 Il-livelli assoluti tal-valutazzjoni tar-riskju indikati mill-ESENER-2 huma probabbilment, sa ċertu punt, oġġetti milli fil-fatt huma. Dan it-tip ta' "żball fil-kejl" huwa komuni fl-istħarriġ kollu u l-ESENER-2 jagħmel użu tal-aħjar sforzi biex iżommhom minimi. L-aktar importanti, il-metodoloġija tiżgura li l-livelli kollha jistgħu jintużaw għal tqabbil validu bejn il-pajjiżi u għal analiżi ma' varjabbli oħra li huma l-għanijiet prinċipali tal-istħarriġ.

Figura 2. Valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-post tax-xogħol imwettqa regolament u valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa prinċipalment mill-persunal intern, pajjiż b'pajjiż (% tal-istabbilimenti).



Bażi: l-istabbilimenti kollha, is-36 pajjiż kollha.


Nota: id-dejta dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa prinċipalment mill-persunal intern mitluba minn dawk l-istabbilimenti li jirrapportaw li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolament. Il-perċentwali fit-tabella kkalkulati mill-ġdid b'rispett lejn il-bażi totali tal-istabbilimenti kollha.

- Interessanti l-fatt li l-intrapriżi fil-klassijiet tal-iżgħar daqs jirrapportaw anqas ta' sikwit mill-kontropartijiet tagħhom li huma akbar li l-proċedura hija wisq ta' piż. 22 % fost dawk li jimpjegaw minn 5 sa 9 għall-kuntrarju ta' 31 % fost dawk li jimpjegaw aktar minn 250 persuna — Figura 3.


Ġestjoni ġeneral tas-saħħa u s-sigurtà fl-istabbiliment

- Dokument li jispjega r-responsabbiltajiet u l-proċeduri dwar is-saħħa u s-sigurtà huwa disponibbli għall-ħaddiema f'90 % tal-istabbilimenti fl-EU-28, bi prevalenza ogħla nnutata fi stabbilimenti akbar. Ma hemmx differenzi sinifikanti fir-rigward tas-setturi tal-attività, mentri pajjiż pajjiż, l-ogħla porzjon jikkorrispondu għar-Renju Unit, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Polonja u l-Italja (98 % f'kull wieħed minnhom) b'kuntrast għall-Montenegro (50 %), l-Albanija (57 %) u l-Iżlanda (58 %).
- Jiġi stabbilit kull sena baġit speċifiku għall-miżuri u t-tagħmir għas-saħħa u s-sigurtà minn 41 % tal-istabbiliment fl-EU-28 u l-porzjon jiżdied skont id-daqs tal-istabbiliment. Settur b'settur din iċ-ċifra hija, b'mod ċar, ogħla fost l-istabbilimenti fl-amministrazzjoni pubblika (63 %). Dawn is-sejbiet, pajjiż b'pajjiż, jiżvelaw li r-Rumanija (66 %), it-Turkija (64 %) u l-Litwanja (62 %) jirrapportaw l-ogħla porzjonijiet għall-kuntrarju tad-Danimarka (15 %), l-Iżlanda (19 %) u l-Awstrija (23 %).
- L-involvement tal-maniġment fl-OHS huwa fattur ewlieni għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex ikunu indirizzati kwistjonijiet tal-OHS. L-ESENER-2 juri li 61 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jindikaw li kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà huma regolament diskussi fl-ogħla livell ta' amministrazzjoni u l-porzjon jiżdied skont id-daqs tal-istabbiliment. Pajjiż pajjiż dan jiġi rrapportat l-aktar ta' spiss fir-Repubblika Ċeka (81 %), ir-Renju Unit (79 %) u r-Rumanija (75 %) waqt li l-perċentwali l-baxxi jikkorrispondu għall-Montenegro (25 %), l-Estonja (32 %), l-Iżlanda u s-Slovenja (35 %).
- Il-mexxejja tat-tim u l-maniġment intermedjarji fi 73 % tal-istabbilimenti huma fornuti b'taħriġ dwar kif għandhom jamministraw l-OHS fit-timijiet tagħhom, il-porzjonijiet jikbru skont id-daqs tan-negozju u jiġu rrapportati l-aktar ta' sikwit minn stabbilimenti fil-konstruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku (82 %) u fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (81 %). Pajjiż b'pajjiż, it-taħriġ huwa ta' sikwit fornut fir-Repubblika Ċeka (94 %), l-Italja (90 %), is-Slovenja u s-Slovakkja (84 %) b'kuntrast għall-Iżlanda (38 %), il-Lussemburgu (43 %) u Franza (46 %).
- L-użu tas-servizzi tas-saħħa u s-sigurtà juri li l-aktar li jintużaw b'mod frekwenti huma t-tobba tas-saħħa okkupazzjonali (68 %), il-ġeneralisti dwar is-saħħa u s-sigurtà (63 %) u l-esperti għall-prevenzjoni tal-aċċidenti (52 %). Fir-rigward tar-riskji psikosoċjali, l-użu ta' psikologu ġie rrapportat biss minn 16 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 (Figura 4). Interessanti però, hemm differenzi importanti pajjiż b'pajjiż: fil-Finlandja u l-Iżvezja madwar 60 % tal-istabbilimenti jirrapportaw li jużaw psikologu, kemm in-house jew kuntrattat esternament.
- L-ESENER-2 staqsa lill-istabbilimenti dwar miżuri għall-promozzjoni tas-saħħa fost l-impjegati. L-aktar waħda rrapportata ta' sikwit (35 % tal-istabbilimenti fl-EU-28) hija s-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-vizzju (tipjip, alkoħol, drogi), segwita mis-sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni (29 %) u l-promozzjoni ta' attivitajiet sportivi barra mill-ħinijiet tax-xogħol (28 %). Settur b'settur, miżuri għall-promozzjoni tas-saħħa huma rrapportati ta' sikwit minn stabbilimenti fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. Pajjiż b'pajjiż, l-ogħla porzjonijiet jikkorrispondu għall-istabbilimenti fil-Finlandja, li qegħdin fuq quddiem nett tal-klassifika dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni ta' vizzji (59 % tal-istabbilimenti) u jiġu t-tieni għat-tliet miżuri l-oħra, porzjon partikolarment għoli tal-istabbilimenti (78 %) li jirrapportaw il-promozzjoni ta' attivitajiet sportivi barra mis-sigħat tax-xogħol (80 % fl-Iżvezja).

Figura 3. Raġunijiet għaliex il-valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-post tax-xogħol ma jitwettqux regolarment, skont id-daqs tal-istabbiliment (% tal-istabbilimenti, EU-28).



Bażi: stabbilimenti fl-EU-28 li ma jwettqux valutazzjonijiet tar-riskju regolarment.

Figura 4. L-użu ta' psikologu, in-house jew kuntrattat esternament, pajjiż b'pajjiż (% ta' stabbilimenti)

Bażi: l-istabbilimenti kollha, is-36 pajjiż kollha.

- Hawn fuq ġie enfasizzat li l-fatturi tar-riskju li jwasslu għall-MSDs huma rrapportati ndaq minn stabbilimenti fis-setturi kollha tal-attività. Fir-rigward ta' miżuri preventivi, l-ESENER-2 jiżvela li, 85 % tal-istabbilimenti li rrapportaw il-preżenza ta' riskji ta' rfiġ jew ċaqliq ta' persuni jew piżijiet tqal għandhom it-tagħmir biex jgħinu f'dan jew f'xogħol tqil fiżiku ieħor. Il-porzjon jiżdied mad-daqs tal-istabbiliment u, kif mistenni, jiġi rrapportat ta' sikwit f'dawk is-setturi karatterizzati b'xogħol li huwa fiżikament eżiġenti, bħal manifattura (96 %), l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (93 %) u l-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku (92 %). Pajjiż b'pajjiż, iċ-ċifri huma l-oġġla fil-Finlandja (94 %), il-Montenegro (93 %) u l-Iżlanda (90 %) għall-kuntrarju tas-Slovakkja (71 %), il-Kroazja (72 %) u l-Greċja (73 %).
- It-tieni miżura rrapportata l-aktar ta' sikwit biex tipprevjeni l-MSDs hija l-għoti ta' tagħmir ergonomiku (73 %), li għal darba oħra jiżdied mad-daqs tal-istabbiliment u huwa l-aktar komuni

fl-IT, finanzi, proprjetà immobbli u attivitajiet oħra tekniċi xjentifiċi jew ta' servizz personali (82 %) u fl-amministrazzjoni pubblika (82 %). Dan huwa l-aktar komuni fost stabbilimenti fl-Iżvezja (84 %) u d-Danimarka (83 %) għall-kuntrarju tas-Slovakkja, il-Litwanja u l-Bulgarija (51 % fit-tliet pajjiżi).

Riskji psikosoċjali u l-kontroll tagħhom


Bidliet sinifikanti li qed iseħħu fid-dinja tax-xogħol iwasslu biex jibdeu joħorġu riskji psikosoċjali. Riskji bħal dawn, li huma marbutin mal-mod kif inhu mfassal, organizzat u mmexxi x-xogħol, kif ukoll li huma marbutin mal-kuntest ekonomiku u soċjali tax-xogħol, jirriżultaw f'livell għoli ta' stress u jistgħu jwasslu għal taħsir serju ta' saħħa mentali u fiżika.

- Kif imsemmi hawn fuq, li jitrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli (58 %) u l-pressjoni tal-ħin (43 %) huma ż-żewġ fatturi tar-riskju psikosoċjali rrapportati l-aktar ta' sikwit fost l-istabbilimenti fl-EU-28. Iż-żewġ fatturi tar-riskju għandhom profil tas-settur simili, huma l-aktar prevalenti fost stabbilimenti fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali u fl-amministrazzjoni pubblika, waqt li l-porzjonijiet tagħhom l-aktar baxxi jikkorrispondu għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd u għall-manifattura. Iż-żewġ fatturi jżiedu mad-daqs tal-istabbiliment iżda l-pressjoni tal-ħin tikber b'mod partikolari.
- Li jitrattaw ma' konsumaturi, pazjenti, studenti eċċ. diffiċli hija ħafna drabi rrapportata bħala fattur tar-riskju minn stabbilimenti fil-Montenegro (78 %), Franza u l-Estonja (70 %) għall-kuntrarju tat-Turkija (28 %), l-Italja (37 %) u l-Litwanja (39 %).
- Jidher li hemm raggruppament tal-pajjiżi fir-rigward ta' pressjoni tal-ħin li hija indikata l-aktar ta' sikwit minn stabbilimenti fil-pajjiżi Nordiċi u b'differenza pjuttost kbira meta kkomparat mal-oħrajn: L-Iżvezja u l-Finlandja (74 %) huma segwiti mill-viċin mid-Danimarka (73 %), in-Norveġja u l-Iżlanda (71 %). F'din il-klassifika, il-pajjiż ta' wara huwa n-Netherlands (62 %). L-aktar porzjon baxx jikkorrispondu għat-Turkija (15 %), il-Litwanja (16 %) u l-Italja (21 %).

Kontroll tar-riskji psikosoċjali


- Il-fatturi tar-riskju psikosoċjali huma perċepiti bħala aktar ta' sfida biex jiġu kkontrollati minn oħrajn; kważi wieħed minn kull ħamsa minn dawk l-istabbilimenti li rrapportaw li jitrattaw ma' konsumaturi diffiċli jew li jesperjenzaw pressjoni tal-ħin jindika li għandhom nuqqas ta' informazzjoni jew ta' għodod adegwati biex jikkontrollaw ir-riskju b'mod effettiv.
- Settur settur, l-ESENER-2 juri li l-oġġla porzjonijiet ta' stabbilimenti li rrapportaw nuqqas ta' informazzjoni jew ta' għodod biex jikkontrollaw ir-riskji b'mod effettiv jinsabu fl-amministrazzjoni pubblika, segwiti mill-finanzi, il-proprjetà immobbli u attivitajiet oħra tekniċi xjentifiċi jew ta' servizzi personali fuq naħa waħda u fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali fuq in-naħa l-oħra.
- Biex inkomplu fuq dan, l-ESENER-2 jesplora l-modi li bihom stabbilimenti jikkontrollaw ir-riskji psikosoċjali billi jsaqsi dwar (a) pjanijiet ta' azzjoni u proċeduri biex jikkontrollaw l-istress, il-bullying jew il-fastidju u f'każijiet ta' theddid, l-abbuż jew attakki u (b) miżuri speċifiċi li ttieħdu f'dawn l-aħħar tliet snin.
- Madwar 33 % tal-istabbilimenti b'aktar minn 20 ħaddiem fl-EU-28 rrapportaw li għandhom pjan ta' azzjoni biex jipprevjenu l-istress relatat max-xogħol (Figura 5), din iċ-ċifra tiżdied mad-daqs tal-istabbiliment u b'mod ċar tinstab ta' sikwit fl-edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. Pajjiż pajjiż hemm differenzi importanti, l-oġġla porzjonijiet jinstabu fir-Renju Unit (57 %), ir-Rumanija (52 %), l-Iżvezja u d-Danimarka (51 %) għall-kuntrarju tar-Repubblika Ċeka (8 %), il-Kroazja u l-Estonja (9 %).
- Speċifikament fost dawk l-istabbilimenti li jirrapportaw li jitrattaw ma' konsumaturi, pazjenti jew studenti diffiċli, 55 % ta' dawk li jimpjegaw 20 ħaddiem jew aktar jirrapportaw li għandhom proċedura fis-seħħ li tikkontrolla dan it-tip ta' riskju (medja tal-EU-28). Dan il-porzjon jogħla għal 72 % fost stabbilimenti fl-edukazzjoni u f'attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. Pajjiż pajjiż, l-oġġla porzjonijiet jikkorrispondu għar-Renju Unit (91 %), l-Iżvezja u l-Irlanda (80 %) waqt li l-aktar baxxi jinstabu fl-Ungerija (21 %) u l-Bulgarija (29 %).

Figura 5. Pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni ta' stress relatat max-xogħol u proċeduri fis-seħħ li jikkontrollaw il-bullying jew il-fastidju u każijiet ta' theddid, abbuż jew attakki (% ta' stabbilimenti).



Bażi: stabbilimenti b'aktar minn 19-il ħaddiem fis-36 pajjiż kollha.

Il-mistoqsija dwar proċeduri li jikkontrollaw każijiet ta' theddid, abbuż jew attakki minn klijenti, pazjenti, studenti jew persuni esterni oħra kienet mistoqsija biss lil dawk li rapportaw il-preżenza tal-fattur tar-riskju "Il-ħtieġa li tiffaċċja konsumaturi, pazjenti, studenti, eċċ. diffiċli".

Figura 6. Miżuri għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fl-aħħar tliet snin (% ta' stabbilimenti, EU-28).

Bażi: L-istabbilimenti kollha fl-EU-28

- F'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri, l-aktar tnejn irrapportati ta' sikwit fl-EU-28 huma l-organizzazzjoni mill-ġdid tax-xogħol sabiex jitnaqqsu d-domandi għall-impjegati u l-pressjoni tax-xogħol (38 %) u konsulenza kunfidenzjali għall-impjegati (36 %). Kif turi Figura 6, il-perċentwali huma ogħla hekk kif jikber id-daqs tal-istabbiliment. Pajjiż pajjiż, dawn il-miżuri jidhru li huma rrapportati aktar ta' sikwit mill-pajjiżi Nordiċi iżda ma hemmx xejra ċara, mentri settur settur, l-istabbilimenti fl-edukazzjoni, f'attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali, jirrapportaw biċ-ċar l-ogħla porzjonijiet.
- Ftit aktar min-nofs tal-istabbilimenti tal-EU-28 (53 %) mistħarrġa jirrapportaw li għandhom biżżejjed informazzjoni dwar kif jinkludu riskji psikosoċjali fil-valutazzjonijiet tar-riskju. Kif mistenni, dan il-porzjon iwarja aktar skont id-daqs tal-istabbiliment milli skont is-settur u, b'mod partikolari pajjiż b'pajjiż, l-ogħla ċifri ġejjin mis-Slovenja (75 %) u l-Italja (74 %) għall-kuntrarju ta' Malta (35 %) u s-Slovakkja (40 %).

tal-istabbiliment, mentri settur settur ma hemmx differenzi sinifikanti. Pajjiż pajjiż, il-porzjonijiet iwarjaw minn 68 % tal-istabbilimenti fid-Danimarka (barra mill-EU-28 il-Montenegro tirrapporta l-anqas porzjon: 57 %) għal 94 % fl-Portugall — Tabella 3.

- It-tieni raġuni l-aktar frekwenti għal azzjoni dwar l-OHS hija li jintlaħqu l-aspettattivi mill-impjegati jew ir-rappreżentanti tagħhom (79 %), li hija l-ogħla fost l-istabbilimenti fl-edukazzjoni u fl-attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali. Ma jidhru l-ebda differenzi sinifikanti skont id-daqs.
- F'xi pajjiżi, b'mod partikolari dawk li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-2004 u xi pajjiżi kandidati, il-motivatur irrapportat bl-aktar mod frekwenti bħala l-akbar raġuni li tindirizza s-saħħa u s-sigurtà hija ż-żamma tar-reputazzjoni tal-organizzazzjoni.

Ostakli

- Sejbiet dwar id-diffikultajiet prinċipali biex tiġi indirizzata s-saħħa u s-sigurtà jiżvelaw li l-aktar ostaklu rrapportat ta' sikwit bħala 'diffikultà kbira' huwa l-kumplessità tal-obbligi legali (40 % ta-istabbilimenti fl-EU-28) segwit mix-xogħol burokratiku (29 %). It-tnejn huma ġeneralment irrapportati aktar ta' sikwit minn stabbilimenti fil-manifattura, l-amministrazzjoni pubblika u l-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, il-provvista tal-ilma u l-elettriku u fir-rigward ta daqs, l-iżgħar stabbilimenti jidhru li jirrapportawhom aktar ta' sikwit mill-kontropartijiet li huma akbar.
- Pajjiż pajjiż, il-porzjonijiet l-aktar baxxi jinstabu fis-Serbja (9 %), il-Montenegro (11 %), is-Slovenja (14 %) u l-Litwanja (14 %) waqt li l-ogħla porzjonijiet jikkorrispondu għall-Italja (67 %), it-Turkija (60 %) u l-Greċja (54 %). Interessanti li, fil-pajjiżi Nordiċi (id-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja u l-Iżvezja), in-nuqqas ta' ħin jew persunal jidher li jirrappreżenta d-diffikultajiet il-kbar meta jittrattaw is-saħħa u s-sigurtà. Minn-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' flus huwa rrapportat ta' sikwit

Motivaturi u ostakli

Ir-raġunijiet għaliex stabbilimenti huma mmotivati jindirizzaw il-ġestjoni tal-OHS u l-kontroll ta' riskji psikosoċjali — jew għaliex jonqsu milli jagħmlu hekk — huma varji, bħall-konformità ma' liġijiet u regolamenti, ir-razzjonalità, l-għarfien tal-benefiċċji u l-ispejjeż tan-negozju, l-orjentazzjoni lejn valuri u normi, eċċ. Iżda hemm għadd ta' fatturi bażiċi, bħal livelli ta' għarfien u priorittizzazzjoni, l-impenn għall-ġestjoni u l-involvement tal-impjegati, li huma xprunaturi importanti għall-ġestjoni tal-OHS u għall-kontroll ta' riskji psikosoċjali.

Motivaturi


- Fir-rigward ta' raġunijiet li jimmotivaw lill-intrapriżi li jamministraw l-OHS, il-ħarsien tal-obbligi legali huwa rrapportat bħala l-akbar raġuni minn 85 % tal-istabbilimenti fl-EU-28. Hemm korrelazzjoni pożittiva żgħira mad-daqs

Tabella 3. Raġunijiet biex tiġi indirizzata s-saħħa u s-sigurtà fl-istabbiliment (% ta' stabbilimenti li jirrapportaw 'raġuni kbira', EU-28).

Raġunijiet (% medja fl-EU-28)	Pajjiż	
	Għoli	Baxx
Il-ħarsien tal-obbligi legali (85 %)	Il-Portugall (94 %) L-Estonja (92 %) In-Norveġja (92 %)	Il-Montenegro (57 %) L-Iżlanda (65 %) Id-Danimarka (68 %)
Li jintlaħqu l-aspettattivi mill-impjegati jew ir-rappreżentanti tagħhom (79 %)	L-Italja (93 %) L-Estonja (91 %) In-Norveġja (90 %)	Il-Polonja (48 %) Is-Slovakkja (53 %) Ir-Repubblika Ċeka (53 %)
Biex ikunu evitati multi mill-ispettorat tax-xogħol (78 %)	L-Italja (96 %) Il-Portugall (93 %) Il-Bulgarija (91 %)	L-Iżvizzera (57 %) L-Iżlanda (57 %) Il-Montenegro (60 %)
Iż-żamma tar-reputazzjoni tal-organizzazzjoni (77 %)	L-Estonja (93 %) Ċipru (92 %) L-Italja (92 %)	Il-Polonja (39 %) Franza (61 %) Id-Danimarka (68 %)
Iż-żamma jew it-tnaqqis tal-produttività (64 %)	Il-Portugall (88 %) It-Turkija (86 %) Ċipru (86 %)	Il-Polonja (30 %) Franza (41 %) L-Ungerija (51 %)

Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28.

- bħala diffikultà kbira minn stabbilimenti fil-Litwanja, il-Latvja, il-Montenegro, Malta, ir-Rumanija, is-Serbja, is-Slovenja, il-Bulgarija u Ċipru.
- Kif deher aktar kmieni, ftit mill-fatturi tar-riskju psikosoċjali huma preżenti f'porzjon sinifikanti ta' stabbilimenti fl-EU-28, jiġifieri jridu jitttrattaw ma' pazjenti, konsumaturi u studenti diffiċli u l-prezzjoni tal-ħin. Għe wkoll enfasizzat li l-fatturi tar-riskju psikosoċjali jidhru li huma aktar ta' sfida biex jiġu kkontrollati kif evidenzjat minn nuqqas ta' informazzjoni jew għodod preventivi adegwati biex jikkontrollawhom b'mod effettiv.
- Abbażi ta' dawn ir-riżultati, l-ESENER-2 jindika li n-nuqqas ta' volontà biex jikkellmu fil-miftuħ dwar dawn il-kwistjonijiet hija d-diffikultà primarja biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali (30 % tal-stabbilimenti fl-EU-28) u din, bħad-diffikultajiet l-oħra kollha, hija rrapportata ta' sikwit aktar mad-daqs tal-istabbiliment jikkber (Figura 7).
- Is-sejbiet, settur settur, jiżvelaw li l-istabbilimenti fl-amministrazzjoni pubblika jirrapportaw din id-diffikultà aktar ta' spiss (38 %) mentri pajjiż pajjiż, l-oġġla porzjonijiet jinstabu fil-Finlandja (44 %), l-Irlanda (40 %) u Franza (36 %) b'kuntrast għall-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja,

Figura 7. Diffikultajiet biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali skont id-daqs tal-istabbiliment (% ta' stabbilimenti, EU-28).

Bażi: stabbilimenti fl-EU-28 li rrapportaw li tal-anqas għandhom preżenti fattur tar-riskju psikosoċjali wiehied fl-istabbilimenti tagħhom.

is-Slovenja (15 %) u l-Ungerija (17 %). Hija l-aktar diffikultà rrapportata ta' sikwit biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali f'20 pajjiż.

- It-tieni l-aktar ostaklu prominenti huwa n-nuqqas ta' kuxjenza fost il-persunal (26 %) li attwalment hija d-diffikultà rrapportata l-aktar ta' sikwit mill-istabbilimenti fl-Estonja, Spanja, Ċipru, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Serbja, l-Iżvezja u t-Turkija. In-nuqqas ta' għarfien fost il-persunal huwa rrapportat ta' sikwit aktar ma jikber id-daqs tal-istabbiliment u settur b'settur l-oġġla porzjonijiet jinstabu fil-manifattura (32 %).

Il-parteċipazzjoni tal-impjegati


ESENER jiddistingwi bejn parteċipazzjoni informali (jiġifieri involviment dirett ta' impjegati) u parteċipazzjoni formali ta' impjegati permezz ta' rappreżentanza minn kunsilli ta' xogħlijiet u ta' rappreżentanza minn trejtdjunjins fil-livell produttiv. Din id-distinzjoni hija rilevanti minħabba li ż-żewġ tipi huma differenti f'termini ta' kemm ikun hemm parteċipazzjoni u l-grad kemm tkun regolata. Parteċipazzjoni informali jew 'diretta' tista' sseħħ f'kull tip ta' stabbiliment, irrispettivament mid-daqs jew mis-settur. Għall-kuntrarju, parteċipazzjoni formali jew istituzzjonalizzata jeħtiġilha korpi formali biex tkun stabbilita skont strutturi legali nazzjonali u tradizzjonijiet soċjali; b'mod loġiku, dan huwa relatat mill-qrib mad-daqs tal-intrapriżi.

Taħlita ta' livelli għoljin ta' parteċipazzjoni formali u informali (fis-sens ta' djalogu soċjali) turi kwalità tajba ta' xogħol, inkluża l-kwalità tal-ġestjoni tal-OHS inġenerali u l-kontroll ta' riskji psikosoċjali b'mod partikolari.

Konsultazzjoni

- B'attenzjoni fuq daww l-istabbilimenti li rrapportaw li użaw miżuri biex jipprevjenu riskji psikosoċjali fit-tliet snin ta' qabel l-istħarriġ, 63 % minnhom fl-EU-28 jindikaw li l-impjegati kellhom rwol fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Dawn is-sejbiet ivarjaw skont il-pajjiż, minn 77 % tal-istabbilimenti fid-Danimarka u l-Awstrija għal 43 % fis-Slovakkja.
- Minħabba n-natura tar-riskji psikosoċjali, huwa mistenni li l-miżuri f'dan il-qasam iġibu magħhom involviment dirett ta' ħaddiema u grad għoli ta' kollaborazzjoni mill-atturi kollha fuq il-post tax-xogħol.
- Biex inkomplu fuq dan, ESENER-2 juri li 81 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jirrapportaw li jinvolvu l-impjegati fit-tfassil tal-miżuri wara valutazzjoni tar-riskju mingħajr differenzi sinifikanti fost is-setturi. Interessanti li, is-sejbiet skont id-daqs jiżvelaw porzjon li dejjem qed jonqos bil-mod ta' stabbilimenti li jinvolvu impjegati fit-tfassil ta' miżuri wara valutazzjoni tar-riskju, minn 84 % fost daww li jimpjegaw minn 5 sa 9 persuni għal 77 % f'daww li jimpjegaw aktar minn 250.
- ESENER-2 jiżvela li kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà huma diskussi regolarment bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u l-maniġment f'56 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 li għandhom xi forma ta' rappreżentanza tal-ħaddiema. Dan il-porzjon jidied b'mod sinifikanti skont id-daqs. B'kuntrast, reazzjoni aktar ad-hoc hija rrapportata aktar ta' spiss fost l-iżgħar stabbilimenti hekk kif 41 % minnhom jirrapportaw li dawn id-diskussjonijiet jsiru 'biss meta jitqajmu kwistjonijiet partikolari', porzjon li jonqos skont id-daqs tal-istabbiliment — ara Figura 8.

Figura 8. Kemm ta' spiss tiġi diskussa s-saħħa u s-sigurtà bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u l-maniġment, (% ta' stabbilimenti, EU-28)



Bażi: stabbilimenti fl-EU-28 li rrapportaw xi forma ta' rappreżentanza tal-ħaddiema.

- Meta jsiru dawn il-laqqgħat, 70 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jirrapportaw li 'prattikament qatt' ma jittqajmu kontroversji relatati mal-OHS. B'mod ċar tidher li hemm xejra li qed tonqos hekk kif jikber id-daqs tal-istabbiliment, jiġifieri akbar ma huwa id-daqs akbar il-probabbiltà li jkunu rrapportati kontroversji.
- L-oqsma prinċipali għal kontroversja jirrelataw ma' miżuri li għandhom jittieħdu (56 %) u investimenti fit-tagħmir (45 %). Dawn is-sejbiet huma pjuttost konsistenti fis-setturi tal-attività u id-daqsijiet tal-istabbilimenti.

Rappreżentanza formali ta' impjegati


F'dak li għandu x'jaqsam mar-rappreżentanza formali ta' impjegati, 25 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 jirrapportaw li hemm kunsill tax-xogħlijiet mentri 15 % tal-istabbilimenti jirrapportaw li għandhom rappreżentanza minn trejtdjunjin. Kif jidher fil-Figura 9, ir-rappreżentanza formali ta' impjegati tiżdied b'mod ċar mad-daqs tal-istabbiliment.

- Permezz tal-attività tas-settur, fl-amministrazzjoni pubblika u fl-edukazzjoni, fl-attivitàjiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali jirrapportaw l-ogħla porzjonijiet ta' kemm il-kunsilli tax-xogħlijiet u r-rappreżentanza minn trejtdjunjin.
- Il-pajjiżi Nordiċi jirrapportaw l-ogħla porzjonijiet ta' rappreżentanza minn trejtdjunjin: In-Norveġja (71 %), l-Iżlanda (55 %) u l-Iżvezja (54 %) għall-kuntrarju tal-Albanija (6 %) u l-Estonja (7 %). Fir-rigward ta' kunsilli tax-xogħlijiet, l-ogħla ċifri jikkorrispondu għal-Lussemburgu (41 %), Franza (39 %) u s-Slovakkja, il-porzjonijiet l-aktar baxxi jinstabu fl-Iżlanda (4 %), ir-Repubblika Ċeka, is-Serbja u l-Portugall (5 %).

Rappreżentanza formali tal-OHS


- Fir-rigward ta' rappreżentanza tal-OHS (Figura 10), ESENER-2 staqsa dwar il-preżenza ta' rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà u ta' kumitat għas-saħħa u s-sigurtà. Rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà kienet l-aktar ċifra rrapportata ta' sikwit: 58 % tal-istabbilimenti fl-EU-28, il-porzjonijiet kienu l-aktar għolja fost stabbilimenti fl-edukazzjoni, attivitàjiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali (67 %), il-manifattura (64 %) u l-amministrazzjoni pubblika (59 %).
- 21 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 irrapportaw il-preżenza ta' kumitat għas-saħħa u s-sigurtà u settur, settur, għal darba oħra, jinstabu l-aktar ta' sikwit fost l-istabbilimenti fl-amministrazzjoni pubblika (36 %) u l-edukazzjoni, attivitàjiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali (30 %).
- Kif mistenni, dawn is-sejbiet huma xprunati l-aktar skont id-daqs tal-istabbiliment, b'mod partikolari fil-każ ta' kumitat għas-saħħa u s-sigurtà, li jikber b'mod sinifikanti mad-daqs tal-istabbiliment.
- Pajjiż, pajjiż, ir-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà huma l-aktar komuni fl-Italja (87 %), ir-Rumanija u l-Litwanja (78 %) waqt li l-porzjonijiet l-aktar baxxi jinstabu fil-Montenegro (17 %), il-Greċja (17 %) u l-Albanija (20 %). Safejn huma kkonċernati l-kumitati għas-saħħa u s-sigurtà, l-ogħla porzjonijiet jikkorrispondu għal-Danimarka (50 %), il-Bulgarija (44 %) u t-Turkija (40 %) b'kuntrarju għal-Latvja (2 %), l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (3 %) u l-Ungerija (3 %).

Figura 9. Rappreżentanza formali ta' impjegati fl-istabbiliment: kunsill tax-xogħlijiet u rappreżentanza minn trejtdjunjin, skont id-daqs tal-istabbiliment (% ta' stabbilimenti, EU-28).



Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28 — mistoqsija f'dawk il-pajjiżi fejn huma applikabbli l-forom ta' rappreżentanza.

Figura 10. Rappreżentanza formali tal-OHS fl-istabbiliment skont is-settur tal-attività: rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà u kumitat għas-saħħa (% ta' stabbilimenti, EU-28).



Bażi: l-istabbilimenti kollha fl-EU-28 — id-daqs jiddependi fuq il-limiti nazzjonali għal dawn il-forom ta' rappreżentanza.

Taqsimiet NACE Rev. 2: **A:** Agrikultura, forestrija u sajd. **B, D, E, F:** Kostruzzjoni, ġestjoni tal-iskart, provvista tal-ilma u l-elettriku. **C:** Manifattura. **G, H, I, R:** Kummerċ, trasport, ikel/akkomodazzjoni u attivitajiet ta' rikreazzjoni. **J, K, L, M, N, S:** IT, Finanzi, Proprietà immobbli u attivitajiet oħra tekniċi xjentifiċi jew ta' servizz personali. **O:** Amministrazzjoni pubblika. **P, Q:** Edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u xogħol soċjali.

- Fl-aħħar, 80 % tal-istabbilimenti fl-EU-28 għandhom rappreżentant fis-seħħ tas-saħħa u s-sigurtà li jipprovdihom b'taħriġ matul il-ħin tax-xogħol biex jgħin om iwetttqu d-dmirijiet tagħhom. Waqt li s-sejbi settur b'settur ma jurux differenzi eċċessivi, hemm aktar ta' xejra skont id-daqs, waqt li l-porzjon jikber mad-daqs tal-istabbiliment. Hemm xi differenzi pajjiż b'pajjiż, bl-ogħla porzjonijiet jiġu rrapportati mis-Slovakkja (94 %), l-Estonja (92 %) u r-Repubblika Ċeka (89 %) għall-kuntrarju tal-Albanija (43 %), il-Montenegro (53 %) u l-Ungerija (64 %).

Il-metodoloġija tal-istħarriġ

- L-intervisti saru fis-sajf u kmieni fil-ħarifa tal-2014 fi stabbilimenti b'ħames impjegati jew aktar minn organizzazzjonijiet kemm privati kif ukoll pubbliċi mas-setturi kollha tal-attività ekonomika ħlief fi djar privati (NACE T) u f'organizzazzjonijiet extraterritorjali (NACE U).
- Kien koperti 36 pajjiż: it-28 Stat Membru Ewropej kollha, sitt Pajjiżi Kandidati (l-Albanija, l-Iżlanda, il-Montenegro, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja u t-Turkija), u żewġ pajjiżi tal-EFTA (in-Norveġja u l-Iżvizzera).
- B'kollox kien intervistati 49,320 stabbiliment — daw k li wieġbu kien u'il-persuna li taf l-aktar dwar is-saħħa u s-sigurtà fl-istabbiliment'. Pajjiż, pajjiż, il-kampjuni jvarjaw minn madwar 450 f'Malta għal 4,250 fir-Renju Unit (ara d-daqsijiet tal-kampjuni nazzjonali fuq <http://www.esener.eu>).
- Il-kampjuni ta' referenza nazzjonali ngħataw spinta — iffinanzjati mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi- fi tliet pajjiżi: Is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit.

- Id-dejta ġiet miġbura permezz ta' intervisti bit-telefown bl-għajnuna tal-kompjuter (CATI).
- Ix-xogħol prattiku tar-riċerka fuq il-post twettaq minn TNS Infratest Socialforschung u minn networks taċ-ċentri għax-xogħol prattiku f'kull pajjiż.
- Il-kampjuni ntgħażlu skont tifsila sproporzjonata ta' kampjuni li aktar tard kienet ikkoreġuta b'mod gradwat.
- Saru sforzi biex jinbnew kampjuni li jipprovdu l-kwalità meħtieġa u jiżguraw komparabbiltà transnazzjonali.
- Il-kwestjonarji kienu żviluppati minn tim magħmul minn esperti fit-tfassil ta' stħarriġ u fl-OHS (partikolarment f'riskji psikosoċjali), flimkien mal-persunal ta' EU-OSHA.
- Aktar informazzjoni fuq il-metodoloġija ta' ESENER: <http://www.esener.eu>.

Iktar tagħrif

Rapport dwar l-'Ewwel Sejbiet' għe ppubblikat fi Frar 2015 u huwa disponibbli fi: <https://osha.europa.eu/en/publications/reports/esener-ii-first-findings.pdf/view> Riżultati u analiżi aktar dettaljati għandhom ikunu disponibbli fi <http://www.esener.eu> u aktar tard fl-2015 is-sett ta' dejta ta' ESENER għandu jkun aċċessibbli permezz ta' UK Data Archive (UKDA) tal-Università ta' Essex fuq: <http://ukdataservice.ac.uk/about-us.aspx>.

Għandhom isiru aktar analiżi matul 2015–2016 u jkun ppubblikati fl-2017.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT,
Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

Ġestjoni tal-proġett: Xabier Irastorza, Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn
(għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

ISBN: 978-92-9240-709-4

doi: 10.2802/589373

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija twettaq riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija għib flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegatui u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri u lil hinn minnhom.

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

Unità għall-Prevenzjoni u r-Riċerka
Santiago de Compostela 12,
48003 Bilbao, Spanja
Tel: (+34) 944 358 400
Posta elettronika: information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet